Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Awwissu 2020

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba biex ningħaqdu flimkien u nitolbu **għal dawk kollha li jaħdmu jew jaqilgħu l-għajxien tagħhom mill-baħar, fosthom il-baħrin, is-sajjieda u l-familji tagħhom.**

**Ninġabar:**

Inpoġġi f'pożizzjoni komda u nipprova nikkalma. Nieħu nifs 'il ġewwa u 'l barra. Fis-silenzju nagħraf li Alla qiegħed miegħi u li jħobbni. Nagħraf lil Alla bħala l-Ħallieq tiegħi u li tani l-intelliġenza biex nużaha għall-ġid tal-oħrajn. Nirringrazzjah tar-rigali li hu żejjen lill-umanità bihom.

**Fatt ċkejken:**




Għadu kif sebaħ ftit ilu, u Dun Luqa Seguna tiela' fuq id-dgħajsa flimkien ma' grupp ta' sajjieda. F'idejh għandu l-asperges u bott bl-ilma mbierek. Fost il-folla żgħira li nġabret biex tara t-tberik tas-sajjieda, hemm xi ftit fotografi. Ġew biex jaqbdu l-mument ideali – ix-xemx tielgħa fuq il-villaġġ ta' Marsaxlokk; il-luzzijiet ikkuluriti, kull wieħed minnhom b'par għajnejn fuq il-pruwa u jitbandal ħelu ħelu fuq il-baħar kalm; u l-familji tas-sajjieda li ġew biex jagħtu tislima lill-għeżież tagħhom.

Dun Luqa jbierek lis-sajjieda li jbaxxu rashom hekk kif qegħdin bilwieqfa fuq il-luzzijiet. Huma qegħdin ringiela u lesti biex jitilqu. Dan hu ritwal li jsir kull sena fil-bidu tal-istaġun tal-lampuki. "Ħudu ħsieb tagħkom infuskom irġiel... il-familji tagħkom jkunu qed jistennewkom!" jgħid Dun Luqa b'ton paternalistiku... biex ifakkarhom biex ma jagħmlux xi ħmerija.

Dun Luqa jaf li r-realtà ta' dawn is-sajjieda mhix pittoreska u romantika daqs l-immaġni li tidher fir-ritratt, u li ħaduh fis-sigurtà tal-moll. Huwa jaf sewwa lill-komunità tiegħu. Huwa konxju tat-tbatija li wieħed jgħaddi minnha meta jkun 'il barra fuq il-baħar. Meta xi luzzu jdum ma jidħol lura minħabba l-maltemp, huwa jkun l-ewwel wieħed li jirċievi telefonata mill-mara inkwetata jew omm b'qalbha maqsuma.

"Wasal il-ħin li nitilqu!" xi ħadd jgħajjat. Dun Luqa jinżel, jdur u jgħajjat: "Il-Mulej iberikkom kollha!"

**Naħseb ftit:**

L-ikel tal-baħar jasal għandna permezz tan-nies li jaħdmu u jaqilgħu x'jieklu mill-baħar. Huma jaħdmu f'kundizzjonijiet ħorox ħafna u jiġu wiċċ imb'wiċċ mal-periklu l-ħin kollu biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom. Qatt naħseb dwar is-sajjieda u dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jieħdu sehem biex iwasslulna l-ikel fuq il-platt tagħna?

**Nitlob:**

Mulej, ħu ħsieb lis-sajjieda, lill-baħrin u lill-familji tagħhom. Agħtihom s-saħħa biex jissaportu l-ħruxija tal-baħar, u agħtihom l-għajnuna biex jibqgħu magħqudin mal-familji tagħhom minkejja d-distanzi twal u l-ħin li jqattgħu mifrudin minn xulxin.

**Kliem ta' dawl:**

Fuq il-baħar tgħallimt kemm persuna għandha bżonn ftit biex tgħix - u mhux kemm.
*Robert Lee Graham*

**X'nista' nagħmel:**

Niskopri iktar dwar il-ħajja tas-sajjieda, baħrin u l-familji tagħhom. Insir naf iktar dwar il-perikli li jgħaddu minnhom dawk li jaqilgħu l-għajxien tagħhom fuq il-baħar.